**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Rik. Nru. 122/16JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 122/16 fl-ismijiet:

Alfred **TESTA**

vs

Carmelo *sive* Charles **GIORDMAINA** u martu Maria Dolores *sive* Doris Giordmaina

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-27 ta' Jannar, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati "milli jbiegħu jew jittrasferixxu jew jikkonċedu taħt kwalunkwe titolu jew b'kull mod ieħor jgħabbu bi kwalunkwe piż u/jew jbiegħu jew jittrasferixxu jew jikkonċedu taħt kwalunkwe titolu kwalsijasi jedd reali u/jew personali is-segwenti proprjeta': Il-villa *semi-detached* bin-numru għoxrin (20) u bl-isem "*Madonna tal-Mirakli*", bl-arja tagħha fi Triq il-Kardinal Ferretti, ġa' magħrufa bħala Triq Ġdida fi Triq il-Mitħna, Lija, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, kif żviluppata fuq porzjon art immarkata bħala *plot* numru tmienja (8) ta' l-artijiet magħrufa bħala "*Tal-Għaġuża*" fil-

kontrada "*Tal-Mirakli*"", u dan b'ħarsien għall-pretensjoni ta' kreditu fis-somma ta' mitejn u erbgħin elf erba' mija u tmien euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 240,408.81) rappreżentanti danni riżultanti minn *fraudulent and wrongful trading* u arrikkiment indebitu bi ħsara għall-istess rikorrent imwettaq mill-intimat;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Jannar, 2016, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati b'sebat ijiem għat-tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-11 ta' Frar, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fl-4 ta' Frar, 2016, li biha u għar-raġunijiet hemm minnu mfissra, qalu li fl-ewwel lok l-intimata ma għandha jew kellha l-ebda rwol fit-tmexxija tal-kumpannija All Saints Company Limited u għalhekk ma setgħet issir l-ebda talba kontriha għall-ħruġ tal-Mandat. Żiedu jgħidu li ladarba l-imsemmija kumpannija mhijiex fi proċess ta' stralċ, lanqas ma jista' jinħareġ il-Mandat mitlub mir-rikorrent fuq il-bażi ta' *wrongful trading* għaliex il-kumpannija mhux biss mhix stralċjata, iżda għadha tinnegozja. Fuq il-kawżali tal-arrikkiment indebitu, ċaħdu għal kollox li huma mxew b'mod li stagħnew minn fuq dahar ir-rikorrent, billi l-obbligi li saru favurih saru mill-kumpannija u mhux minnhom u hu ma għandu l-ebda rimedju dirett li jista' jfittex kontrihom. Temmew jgħidu li l-ġid li fuqu r-rikorrent irid li jinħareġ il-Mandat mhuwiex kollu tagħhom, għaliex huma sidien biss tas-sehem ta' nofs ($^1/_2$) mhux maqsum minnu;

Semgħet ix-xhieda tal-intimat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-11 ta' Frar, 2016, f'liema data l-Qorti ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li l-intimati miżżewġin Giordmaina huma tnejn minn tliet (3) azzjonisti tal-kumpannija All Saints Co. Ltd li twaqqfet f'April tal-1998[1], filwaqt li r-rikorrent huwa l-azzjonist l-ieħor;

Tqis li l-intimat huwa kemm id-direttur waħdien u kif ukoll għandu r-rappreżentanza legali tal-istess kumpannija;

---

[1] Dok "CG1", f'paġġ. 14 – 5 tal-atti

Tqis li bi ftehim li sar fis-27 ta' Marzu, 1998[2] sar ftehim bejn ir-rikorrent u l-imsemmija kumpannija, li bih huwa għadda b'ċessjoni t-tmexxija ta' ristorant bl-isem ta' *All Saints Bar & Restaurant* fil-Qawra lill-imsemmija kumpannija, taħt il-kundizzjonijiet hemm imsemmija;

Tqis li din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta' Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' Mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-elementi mitluba mill-għamla ta' Mandat li r-rikorrent talab li jinħareġ, il-pretensjonijiet tiegħu huma mfissra fl-istess Rikors li bih talab il-ħruġ tal-Mandat. Il-liġi ma titlobx li pretensjoni bħal dik trid tkun diġa' tagħmel minn xi proċeduri ġudizzjarji jew kawża dwar dik l-istess pretensjoni: għalkemm il-ħruġ tal-Mandat jitlob naturalment li dawk il-proċeduri jew dik il-kawża mbagħad jitressqu fiż-żmien li tagħti l-liġi;

Tqis dwar jekk ir-rikorrent għandux il-jedd mad-daqqa t'għajn li titlob il-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull Mandat ta' Inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub;

Tqis għalhekk li r-raġunijiet li ressqu l-intimati u s-sottomissjonijiet magħmulin quddiem il-Qorti mill-avukat difensur tagħhom, filwaqt li jista' jkollhom is-siwi tagħhom fi stadju ieħor, ma tantx jiswew biex ixejnu l-jedd mad-daqqa ta' għajn li jintalab u jinkiseb il-ħruġ tal-Mandat;

Illi bħala kejl ta' dan il-jedd *prima facie*, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu;

Tqis ukoll li l-Mandat li r-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ tiegħu huwa wieħed li jimmira li jikkonserva ġid – mobbli jew immobbli – milli jkun

[2] Dok "AS1", f'paġ. 3 tal-atti

trasferit jew li b'xi mod jitgħabba b'xi piż jew dejn ġdid b'mod tali li 'l quddiem ma jkunx jista' jissoddisfa l-pretensjonijiet tar-rikorrent "kreditur" u mhuwiex maħsub milli jżomm lis-sid mit-tgawdija tiegħu jew li jżommu milli (jibqa') jużah;

Tqis li l-ġid li dwaru ntalab il-ħruġ tal-Mandat huwa tabilħaqq ġid tal-intimati, għalkemm mhux kollu tagħhom[3]. Il-fatt li l-intimati għandhom biss sehem u li jista' jkun hemm sidien tas-sehem l-ieħor ma għandu jkun tal-ebda xkiel biex talba bħal din tal-lum tista' tintlaqa';

Tqis li, għalhekk u kif ingħad qabel, l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati huma ta' xejra tali li ma jistgħux jitqiesu minn din il-Qorti f'din il-proċedura, għaliex jitolbu stħarriġ mill-Qorti li quddiemha 'l quddiem sejjer jinstema' l-każ u li dwaru għadha ma ngħatat l-ebda sentenza li tagħmel ġudikat bejn il-partijiet;

Tqis, għalhekk, li jirriżultaw l-elementi ewlenin mitluba mil-liġi biex jista' jinħareġ il-Mandat mitlub mir-rikorrenti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti** għall-ħruġ tal-Mandat;

**Taħtar**, għall-finijiet tal-artikolu 874(3) u bi spejjeż għar-rikorrent, lin-Nutar Bartolomeo Micallef biex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet; u

Tordna li l-intimati jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis, 18 ta' Frar, 2016.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registrar**

[3] Ara Dok "CG2", f'paġġ. 16 – 8 tal-atti